MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 452/2011

**A B**
**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi l-partijiet zzewgu nhar l-erbgha ta' Settembru 1993, minn liema zwieg twieldu tlett ulied, D, E u F li ghadhom minuri;

Illi l-partijiet sseparaw konsenswalment nhar il-25 ta' Settembru tas-sena 2006, vide kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono hawn anness u mmarkat bhala Dok A, u ghaldaqstant ilhom legalment separati ghal aktar minn 4 snin;

Illi skont l-istess kuntratt ta’ separazzoni, r-rikorrent A B huwa obbligat ihallas lill-martu s-somma ta’ LM 155, (€ 361.05) fix-xahar bhala manteniment ghaliha, u LM 162.74 (€ 379.06) fix-xahar, hekk kif awmentat kull sentejn, bhala manteniment ghat-tlett minuri. Dan il-manteniment huwa wiehed adegwat hekk kif konkordat bejniehtom fl-att ta’ separazzjoni fuq msemmi u r-rikorrent dejjem ghamel il-hlasijiet dovuta minnu;

Illi r-rikorrent jrid iholl iz-zwieg fuq msemmi;

Illi l-partijiet jissodisfaw il-kriterji mposti mill-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan billi:
(1) ghaddew aktar minn 4 snin mid-data tas-separazzjoni legali;
(2) ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
(3) l-manteniment ricevut mill-esponenti mara u mill-ulied minuri huwa wiehed adegwat hekk kif konkordat bejniethom fl-att ta’ separazzjoni fuq msemmi;

Talab ghaliex din il-qorti m’ghandhiex :

(1) tordna illi iz-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet nhar l-erbgha ta’ Settembru 1993 jigi mahlul,
(2) tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien iffissat minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor meqjus xieraq u opportun.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

Illi l-esponenti m’ghandha ebda interess illi z-zwieg ccelebrat bejnha u bejn ir-rikorrent fl-4 ta’ Settembru 1993, jigi xolt.

Illi stante li t-talba mressqa mir-rikorrent zewgha tissodisfa l-kriterji stabbiliti mill-Ligi ghall-hall taz-zwieg, hija mhijiex ser topponi ghat-talbiet imressqa, ghalkemm m’ghandha l-

ebda interess fihom, u ghaldaqstant tirrileva li m'ghandha tbati ebda spejjez relatati ma' dawn il-proceduri.

Illi hija zammet kunjom zewgha B anke wara li dawn gew legalment separati permezz ta' kuntratt tal-25 ta' Settembru 2006 u konsegwentement hija tixtieq izzomm dan il-kunjom anke wara li z-zwieg jigi xolt u dana fl-interess tat-tfal taghha minuri.

Tant umilment tissottometti l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Dicembru, 2011;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Rat il-provi kollha li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat l-Artikoli 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex il-Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg gew sodisfatti; u dana peress illi irrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt tal-25 ta' Settembru 2006. Il-Qorti rat illi irrizulta illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi dwar hlasijiet ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------